# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 23/2019

**22 ta' Lulju 2019**

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Il-Kamra tal-Periti tfakkar ċ-ċentinarju ta' l-Ordinanza dwar l-Arkitetti bl-edizzjoni tal-2019 tal-Premju Emanuele Luigi Galizia

Kien il-25 ta' Lulju 1919 meta Herbert Plumer, li kien il-Gvernatur ta' Malta, ġab fis-sehh l-Ordinanza dwar l-Arkitetti, li rregolat il-professjoni ta' "*Land Surveyor and Architect*" u ħejjiet t-triq sabiex tiġi stabbilita l-professjoni tal-Perit kif nafuha llum. Din is-sena, għaldaqstant, il-Kamra tal-Periti qiegħda tiċċelebra l-mitt anniversarju ta' din l-Ordinanza, u qiegħda timmarka din l-okkażjoni bit-tieni edizzjoni tal-Premju Emanuele Luigi Galizia.

Il-Premju Galizia ġie organiżżat għall-ewwel darba fl-2018, u kien il-kulminazzjoni ta' ambizzjoni li l-Kamra kellha għal diversi snin sabiex tirrikonoxxi l-eċċellenza fl-arkitettura, l-inġinerija ċivili, ir-riġenerazzjoni urbana u d-disinn tal-intern. Din is-sena, il-Kamra ser tagħraf ukoll l-aqwa uffiċju emerġenti ta' periti, kif ukoll ser tniedi żewġ kategoriji ġodda, waħda għall-proġetti residenzjali ta' tlett idjar jew appartamenti jew iktar, u oħra għall-aqwa proġett internazzjonali eżegwit minn perit lokali.

Wara proċess ta' selezzjoni li saret iktar kmieni dan ix-xahar, il-finalisti issa ser jippreżentaw il-proġetti tagħhom quddiem diversi ġuriji. Il-gradwati tal-2018 mill-Fakulta' għall-Ambjent Mibni ukoll ser jippreżentaw it-teżijiet u riċerka tagħhom fil-livell ta' Master fl-Arkitettura u Master fl-Inġinerija, wara li dawn ukoll għaddew minn proċess ta' selezzjoni f'Ottubru li għadda. Il-preżentazzjonijiet huma miftuħa għall-pubbliku u ser isiru fil-*Phoenicia Hotel* bejn nhar it-Tnejn 22 u nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju skond dan il-programm: https://kamratalperiti.org/event/premju-galizia-2019-jury-presentation-sessions/

Il-Premjiijet finali ser jiġu ppreżentati waqt Gala li ser issir fil-25 ta' Lulju 2019, u li ser tkun akkumpanjata wkoll minn wirja li ser tittella' ħdejn il-monument ta' Kristu Re fil-Floriana, u li ser tibqa' miftuħa għall-pubbliku sat-2 ta' Awwissu 2019.

Il-Premju Galizia għal din is-sena hi sponsoriżżata minn JM Vassallo Vibro Steel Ltd u Satariano, u bis-sostenn ta' Brands International Ltd, Halmann Vella, Vivendo Group, AX Group, Bathroom Design Malta, Creations, Light Design Solutions u Simonds Farsons Cisk.

### Noti għall-medja:

Il-medja hija mistiedna li tattendi l-preżentazzjonijiet tal-proġetti li ser isiru skond dan il-programm: https://kamratalperiti.org/event/premju-galizia-2019-jury-presentation-sessions/. Ikun apprezzat jekk tinkludu din il-link fir-rappurtaġġ tagħkom sabiex tinkoraġġixxu lill-pubbliku biex jattendi.

Għal iktar informazzjoni dwar il-Premju Galizia ara: https://premjugalizia.org/

Għal iktar informazzjoni dwar ir-rebbieħa ta' l-2018 ara: https://premjugalizia.org/2018-winners/